# Il-Mazza Kapitulari tal-Kolleġġjata Elenjana – 100 sena

Philip Xuereb

Fiż-żmien li kien Prepostu tal-Kolleġġjata u Arċipriet ta' Birkirkara il-Kanonku Dun Alfons Borg S.T.D. (1897-1917), kienu qed jitwettqu bosta inizjattivi, kemm fil-knisja Kolleġġjata ta' Sant'Elena, kif ukoll fil-parroċċa. Fost l-oħrajn wieħed isemmi wieħed mit-tentattivi biex issir il-qanpiena l-kbira, li kien sewa ħafna żmien u nkwiet. Kienet saret il-pittura bl-affresk minn Virginio Monti fis-soqfa u t-trollijiet tal-knisja. Kienet ġiet inkurunata x-xbieha mirakoluża tal-Madonna tal-Ħerba. Kienu saru t-tużell li jintrama fil-festa u l-istatwi proċessjoali tal-Madonna tad-Duluri u dik tal-Erwieħ. Fil-parroċċa kien infetaħ ukoll l-Oratorju għat-tfal subien, fuq inizjattiva tal-Kanonku Dun Mikiel Sammut.



Imma dik il-ħabta wkoll, kmieni fis-seklu għoxrin, il-Kapitlu Elenjan kien ħass ix-xewqa li bħal Kapitli oħrajn, kemm f'Malta kif ukoll barra, ikollu d-dritt li jġib il-mazza. Huma ressqu t-talba tagħhom lill-Arċisqof ta' Malta, dak iż-żmien Mons. Pietru Pace li laqa' x-xewqa tagħhom, imma ried li biex tingħażel minn dik tal-Katidral, il-mazza tal-Kapitlu Elenjan ma tkunx imdiehba.

## Xi tkun u xi tfisser il-mazza

Oriġinarjament il-mazza kienet arma tal-ġlied, jew għad-difiża ta' xi ħadd, użata kemm fi gwerra, tornei jew minn gwardji personali ta' xi persunaġġ għoli jew importanti. Minn din l-arma żviluppa wkoll ix-xettru, li naraw f'idejn renjanti, imma anke fost l-oħrajn fi xbihat ta' Kristu bħala Sultan jew tal-Madonna, mhux biss meta tkun murija bħala Sultana, iżda wkoll meta murija bħala difensura, bħal fil-każ ta' ċertu tip ta' xbihat tal-Madonna tas-Sokkors (fejn ħafna drabi jintwera bħala bastun jew mazza – *clava* - tal-injam) jew tal-Għajnuna tal-Insara.

Maż-żmien il-mazza saret oġġett ċerimonjali,



(Ritratt antik ta' mazziera pontifiċji tal-Vatikan)

simbolu tal-poter, awtorità jew status ta' xi re, istituzzjoni jew dinjitarju għoli. Aktarx li tinġarr f'purċissjonijiet jew okkażjonijiet formali oħra minn xi uffiċjal li jkollu dmirijiet oħra fil-kariga tiegħu, jew inkella minn uffiċjal maħtur apposta għal dan il-għan, u li allura jissejjaħ ***mazzier,*** li jista' jkollu dmirijiet oħra konnessi mal-istess kariga.

Il-mazza ċerimonjali tista' tkun tal-injam jew tal-metall u jkollha ħafna tiżjin, kif ukoll armi araldiċi jew simboli oħra konnessi mad-dinjitarju jew uffiċċju li tkun abbinata miegħu. Varjanti tal-mazza huma wkoll il-*bastun* tad-*drum major* ta' banda militari jew *scouts* kif ukoll is-surġentina ta' fratellanza. Aktarx ukoll li tal-istess oriġini hija l-virga tal-kantur.



*Il-Kapitlu Elenjan li żanżan il-mazza, kif jidhru fir-ritratt, dejjem mix-xellug għal-lemin, kienu:*
*Wara: Profs. Nisi (kanonku onorarju), Kan. Gio-Battista Casha, Kan. Lawrenz Sammut (tal-Mitħna), Kan Mikiel Sammut – promutur tal-Oratorju li kien ingħata l-pussess xahrejn qabel, u l-kanonku onorarju Vincenz Cassar.*
*Fin-nofs: Kan. Guliermu Grech-Ellul, Kan. Giuseppe Charbon, Kan. Pietru-Pawl Charbon (dawn it-tnejn kienu aħwa), Kan. Giuseppe Galea, Kan. Paolo Cannataci S.T.D., Kan. Costantino Muscat.*
*Quddiem: Kan. Carmelo Pirotta (mhux li niftakru), Kan. Teorier Pawl Busuttil, Kan. Gio-Battista Borg, Revmu. Prep. Kan. Alfons Borg S.T.D. (dawn it-tnejn kienu aħwa wkoll), Kan. Kantur Emanuel Debono, Kan. Teologu Alwiġ Debono u Kan. Injazju Gatt.*

## Mazza għall-Koleġġjata Elenjana

Il-Mazza Kapitulari tal-Kolleġġjata Sant'Elena ngħatat bi Breve tal-Papa Piju X, li nħareġ fit-30 ta' Mejju 1912. Din tintuża *collegiater,* jiġifieri meta jkun jiffunzjona bħala Kapitlu u mhux minn kanonku waħdu. Għal dan il-għan, il-membri kapitulari jridu jkunu għallanqas tlieta.

Id-deċiżjoni li ssir il-mazza tal-fidda li għadha tintuża sal-lum, ittieħdet mill-Kapitlu ta' Birkirkara nhar l-ewwel ta' April tas-sena 1913, wara li kienu approvati d-disinni, li jinkludu x-xbieha ta' Santa Liena fuq nett u fl-erba' faċċati hemm armi araldiċi, dik tal-istess kapitlu, tal-Papa Piju X li kkonċediha, tal-Isqof Pietru Pace u tal-Art Imqaddsa. Ix-xogħol fil-fidda sar għand id-Ditta G. & C. Busuttil, li dak i-ż-żmien kienu fin-numru 276 Triq San Pawl, il-Belt. Dak iż-żmien kienet swiet 62 Lira Sterlina.

Jidher li din il-mazza kapitulari żżanżnet għall-festa ta' Santa Liena ta' dik is-sena. Fis-7 ta' Awwissu, il-Kapitulari kienu nġabru fl-Oratorju, li kien inbena tliet snin qabel, biex jieħdu ritratt flimkien bil-mazza l-ġdida (ara ritratt). Huma inkludew fl-isfond ir-ritratti tal-fundaturi, Dun Filippu u Dun Perin Borg, kif ukoll kwadru ta' Santa Liena. Fuq il-ġenb tax-xellug hemm l-ewwel mazzier Piju Gauci mlaqqam *Tas-Sbatax,* liebes l-ilbies iddisinjat apposta u bil-mazza fuq spalltu.





*(Il-mazzier ippreċedi l-Kapitlu Elenjan fil-festa ta' Marija Awżiljatriċi fl-Oratorju – snin 30 – 40 tas-seklu li għadda)*

## Il-Mazziera u l-funzjoni tal-Mazzier

Wara l-ewwel mazzier tal-Kolleġġjata Elenjana Piju Gauci, safejn nafu, kien hawn dawn il-mazziera li ġejjin f'dawn l-aħħar mitt sena: Indri Borg, Carmelo Micallef, Frans Micallef, Anthony Pisani u Joe Debono. Dan tal-aħħar li hu l-mazzier attwali, ilu f'din il-kariga mill-1961, jiġifieri issa aktar minn ħamsin sena.

Il-mazzier jieħu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet kollha li fihom jiffunzjona l-Kapitlu fil-knisja Kolleġġjata Elenjana sew fuq il-presbiterju, kif ukoll fil-kor: quddies, uffiċċju divin l-aktar meta kantat, purċissjonijiet inklużi dawk ta' transulazzjoni, pussessi, meta jimxi wkoll quddiem il-Kapitlu meta jitilgħu għall-insedjament fl-Awla Kapitulari u l-bqija. Jakkumpanja wkoll lill-Kapitlu meta dan ikun mistieden jiffunzjona f'lokalitajiet



oħra, ngħidu aħna f'okkażjonijiet speċjali għalihom.

Jimxi wkoll quddiem il-Kapitlu fl-akkumpanjament ta' funerali. Sa fis-snin sebgħin tas-seklu li għadda, ma kinitx xi ħaġa rari li l-Kapitlu kien jieħu sehem ukoll meta msejjaħ anke fil-funerali ta' membri tal-parroċċa. Anke għaliex kienu jsiru bil-mixi mid-dar ta' dak li jkun, jew mill-knisja ta' San Pawl tal-Wied jekk xi ħadd kien imut barra r-raħal u jinġieb bil-karru jew bil-*hearse*. Dan meta d-dfin kien għadu jsir fil-kripta tal-knisja. F'dawn il-każi, bħas-soltu, il-mazza kienet tinġarr dejjem fuq l-ispalla, bħalma jsir fil-purċissjonijiet.

Meta kien ikun funeral ta' xi persunaġġ importanti jew ta' xi kapitulari, fil-ħruġ mill-knisja l-mazza kienet tinżamm fuq l-ispalla. Waqt li telgħin lura għall-knisja, il-mazza kienet tinżamm fuq l-idejn. Il-mazza kapitulari tinżamm fuq l-idejn ukoll meta l-mazzier jimxi quddiem il-kapitlu nhar il-Ġimgħa l-Kbira, għaċ-ċerimonja tal-bews tas-Salib.

Il-mazzier ikollu wkoll l-inkarigu li jwassal lill-kapitulari kollha l-avviżi u l-korrispondenza



li jinħarġu mill-Kanċillier għal-laqgħat tal-Kapitlu li jkunu se jsiru, imbagħad jagħti lill-istess Kanċillier iċ-ċedola li huma jkunu ffirmaw. Iwassal ukoll lil konkorrent magħżul l-avviż tal-ħatra tiegħu fil-Kapitlu Elenjan. Waqt is-seduti kapitulari il-mazzier joqgħod qrib ta' fejn tkun qed issir il-laqgħa peress li jista' jkun meħtieġ is-servizz tiegħu.

Hawn Malta hija konswetudni li l-mazza kapitulari tinġarr fuq l-ispalla tax-xellug. Iżda mhux kullimkien hekk. Hekk ngħidu aħna, il-mazziera Papali jerfgħu l-mazza fuq l-ispalla tal-lemin. Hekk ipitter ukoll il-mazzier Papali, il-pittur Taljan Filippo Venuti, fil-koppla tal-kappella ta' San Ġużepp fil-Bażilka tagħna, fejn juri lill-Papa Piju IX jiddikjara lil San Ġużepp bħala patrun universali tal-Knisja Kattolika.

Imma meta l-pittur Karkariż Ġużeppi Briffa, fil-bidu tal-karriera tiegħu, mhux wisq snin wara l-għoti tal-mazza lill-Kapitlu Elenjan, kien pitter xena simili, dik tad-dikjarazzjoni mill-istess Papa tad-Domma tal-Immakulata, wera l-mazzier jerfa' l-mazza fuq l-ispalla tax-xellug. Briffa libbes ukoll lill-istess mazzier simili ħafna għall-mod kif jilbes il-mazzier ta' Birkirkara u dak l-ispeċi ta' pum in-naħa t-isfel tal-mazza hu simili għal dak tal-mazza ta' Birkirkara wkoll.

Forsi ma niżbaljax anqas meta ngħid li għall-figura tal-istess mazzier, Briffa pitter lil Piju Gauci, l-ewwel mazzier tal-Kolleġġjata Elenjana. Hemm xebh tal-figura fil-pittura mar-ritratt tal-mazzier ta' meta żżanżnet il-mazza, xi għaxar snin qabel. U Briffa kien magħruf li jpitter l-uċuh ta' nies kontemporanji f'xogħlijiet bħal dawn, kif hemm fil-figuri tal-pendenti tal-koppla tal-istess kappella tal-Kunċizzjoni fil-Bażilka, fost l-oħrajn.

